**RETTIFIKA**

**Rettifika għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 4/2009 tat-18 ta' Diċembru 2008 dwar il-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet u l-kooperazzjoni f'materji relatati ma' obbligi ta' manteniment**

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 7, tal-10 ta' Jannar 2009)*

F'Paġna 21, Artikolu 75(1) u (2):

*minflok:* "1. Dan ir-Regolament għandu japplika biss għal proċedimenti istitwiti, transazzjonijiet ġudizzjarji approvati jew konklużi, u għal strumenti awtentiċi stabbiliti wara d-data ta' applikazzjoni tiegħu, soġġetti għall-paragrafi 2 u 3.

2. It-Taqsimiet 2 u 3 tal-Kapitolu IV għandhom japplikaw:

(a) għad-deċiżjonijiet mogħtija fl-Istati Membri qabel id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament li r-rikonoxximent u d-dikjarazzjoni dwar l-eżekutorjetà għalihom jintalbu wara dik id-data;

(b) għad-deċiżjonijiet mogħtija wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament b'segwitu għal proċeduri mibdijin qabel dik id-data, …";

*aqra:* "1. Dan ir-Regolament għandu japplika biss għal proċedimenti istitwiti, transazzjonijiet ġudizzjarji approvati jew konklużi, u għal strumenti awtentiċi stabbiliti mid-data ta' applikazzjoni tiegħu, soġġett għall-paragrafi 2 u 3.

2. It-Taqsimiet 2 u 3 tal-Kapitolu IV għandhom japplikaw:

(a) għad-deċiżjonijiet mogħtija fl-Istati Membri qabel id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament li r-rikonoxximent u d-dikjarazzjoni dwar l-eżekutorjetà għalihom jintalbu mid-data;

(b) għad-deċiżjonijiet mogħtija mid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament b'segwitu għal proċeduri mibdijin qabel dik id-data, …".

---

**Rettifika għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/28/UE tat-12 ta' Lulju 2010 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jistabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra, dwar Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Moldova fil-programmi tal-Unjoni**

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 14, tad-19 ta' Jannar 2011)*

Il-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni 2011/28/UE għandha tkun ikkunsidrata nulla u bla effett.

---